

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 20/2016****tal-5 ta' Frar 2016****li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE
[2017/1303]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1936 tat-8 ta' Lulju 2015 dwar sistemi applikabbli għall-evalwazzjoni u l-verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni ta' tubi u pajpijiet għall-ventilazzjoni tal-ajra skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Id-Deċiżjoni delegata tal-Kummissjoni (UE) 2015/1958 tal-1 ta' Lulju 2015 dwar is-sistemi applikabbli tal-valutazzjoni u tal-verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni tal-prodotti ġeosintetiċi u tal-prodotti relatati skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Id-Deċiżjoni delegata tal-Kummissjoni (UE) 2015/1959 tal-1 ta' Lulju 2015 dwar is-sistemi applikabbli għall-valutazzjoni u l-verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni ta' prodotti tal-ingenierija għall-ilma mormi, skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Id-Deċiżjoni delegata (UE) 2015/1958 tirrevoka id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/581/KE ⁽⁴⁾, li hi inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandha tiġi revokata taħt il-Ftehim ŻEE.
- (5) Id-Deċiżjoni delegata (UE) 2015/1959 tirrevoka id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/464/KE ⁽⁵⁾, li hi inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandha tiġi revokata taħt il-Ftehim ŻEE.
- (6) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XXI tal-Anness II għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punti li ġejjin ikunu inseriti wara l-punt 1zzf (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/656/KE):

"1zzg. **32015 D 1936:** Id-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1936 tat-8 ta' Lulju 2015 dwar sistemi applikabbli għall-evalwazzjoni u l-verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni ta' tubi u pajpijiet għall-ventilazzjoni tal-ajra skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 282, 28.10.2015, p. 34).

1zzh. **32015 D 1958:** Id-Deċiżjoni delegata tal-Kummissjoni (UE) 2015/1958 tal-1 ta' Lulju 2015 dwar is-sistemi applikabbli tal-valutazzjoni u tal-verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni tal-prodotti ġeosintetiċi u tal-prodotti relatati skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 30.10.2015, p. 181).

1zzi. **32015 D 1959:** Id-Deċiżjoni delegata tal-Kummissjoni (UE) 2015/1959 tal-1 ta' Lulju 2015 dwar is-sistemi applikabbli għall-valutazzjoni u l-verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni ta' prodotti tal-ingenierija għall-ilma mormi, skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 30.10.2015, p. 184)."

⁽¹⁾ ĠU L 282, 28.10.2015, p. 34.

⁽²⁾ ĠU L 284, 30.10.2015, p. 181.

⁽³⁾ ĠU L 284, 30.10.2015, p. 184.

⁽⁴⁾ ĠU L 254, 8.10.1996, p. 59.

⁽⁵⁾ ĠU L 198, 25.7.1997, p. 33.

2. It-test tal-punti 1f (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/581/KE) u 1n (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/464/KE) jitħassar.

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet ta' Delega (UE) 2015/1936, (UE) 2015/1958 u (UE) 2015/1959 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Frar 2016, bil-kundizzjoni li jkun saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Frar 2016.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.